MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1888/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1888/05**

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Joseph Muscat ID 81825M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2005 fejn gie premess illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erba` u sebghin Liri Maltin u erba` u disghin centezmu (Lm174.94), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21331698 skond kif jirrizulta mid-dokument markati Dok A ma' l-istess Avviz, u illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi l-imghaxxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut illi permezz taghha stqarr illi s-somma ta' Lm174.94 minnu mitluba tirrapprezenta l-ammont li hu allegat dovut ghall-usu, servizz (u spejjez legali) mit-telefon li jgib in-numru 21331698 li hu illokat fir-residenza tal-konvenut 47, Santa Marija, Triq l-Ambaxxati, Ta' Xbiex, fit-2003. Illi huwa jichad li hu jew xi persuni ohra mid-dar tieghu ghamlu dan l-uzu u servizz minn fuq it-telefon numru 21331698. Minghajr pregudizzju, s-socjeta attrici ghandha tipprova li effetivament l-konvenut ghamel uzu mill-linja fis-27 ta' Lulju 2003 u jixhdu dwar x'tip ta' uzu sar u min ghamel tali uzu.

Ra d-dokumenti kollha prodotti u sema` x-xhieda kollha prodotti;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed tippretendi hlas ta' mija u erba` u sebghin Liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm174.94) ghal servizz ta' telefonija maghmula minn fuq linja 21331698, linja uzata mill-konvenut.

Illi l-ammont mitlub huwa hlas ghal telefonati maghmula lin-numru +674 444 9487 u ghall-perjodu bejn it-3 ta' Gunju 2003 u d-9 ta' Gunju 2003.

Illi dawn is-sejhiet huma maghmula permezz ta' auto dialer waqt li s-subscriber ikun qed jaghmel uzu mid-dial up system ta' l-internet;

Illi dawn il-fatti kollha mhumiex kkontestati – li huwa kkontestat huwa illi l-konvenut jghid illi hu, li juza l-linja de quo – ma ghamilx dawn it-telefonati.

Illi anzi jghid aktar – illi jekk inhu veru illi saru mill-linja telefonika tieghu – dawn saru ad insaputa tieghu.

Illi sa hawnhekk it-Tribunal ma jistghax b'daqsekk jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut – peress illi jaf jew ma jafx is-subscriber illi saru tali telefonati – hu jibqa` dejjem responsabbli ghall-hlas tas-servizz mghoti fuq il-linja tieghu.

Illi pero` l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal ma jistghux jieqfu hawnhekk – u dan ghaliex it-Tribunal ihoss illi ghandu jesprimi ruhu b'ekwita`, ghar-ragunijiet u fatti speci tal-kaz odjern – in kwantu ili tali telefonati huma allegatament illeciti u jaghmlu negozju abbuziv maghruf bhala " prime rate dial up scan".

It-Tribunal qabel xejn josserva illi s-socjeta` attrici Maltacom plc taf b'tali scams u possibilitajiet ta' qerq u negozju qarrieqi u abbuziv – tant illi l-istess Maltacom plc toffri l-ghazla lill-klijent taghha illi juza l-Code Control Barring sabiex jkunu eliminati tali sejhiet qarrieqa u abbusivi.

Illi l-Maltacom plc ssostni illi ma jinkombix fuqha illi tigbed l-attenzjoni ta' l-utent tas-servizz taghha li jezisti tali

periklu – imma kif effettivament taghmel – iggib biss ghall-attenzjoni tas-subscribers illi hi toffri servizz biex ikun mwaqqaf u mxejjen tali abbuz – u sta ghall-utent illi jibbenefika minn tali servizz.

Illi filwaqt illi l-Maltacom plc iddikjarat illi tibghat il-hlas dovut lill-kumpanija estera illi tipprovdi s-servizz in kwistjoni (servizz abbuziv !!), kien interessanti l-kumment u l-osservazzjonijiet maghmula mill-konvenut li l-Maltacom plc ma qalitx kemm tiggwadanja hi minn negozju li taghmel maghha, negozju manifestament disonest u abbuziv.

It-Tribunal mhux ser jidhol f’din il-kwistjoni ghax (I) ma ngiebu ebda provi dwar dan u (II) ghax ma jhossx illi hija kompetenza tieghu – izda jhoss, anke bhala gustifikazzjoni u motivazzjoni ghad-decizjoni finali tieghu – illi ghandu jirrimarka illi jekk l-Maltacom plc taf illi jezistu tali abbuzi u prattici dizonesti, hi ghandha tara illi twaqqaf tali prattici u mhux biss toffri servizz li bih jitwaqqaf, a scelta tas-subscriber – forsi meta mbaghad jkun tard wisq u f’cirkostanzi, bhal dak odjern, fejn is-subscriber ma jkollux konoxxenza illi addirittura jezistu tali scams u prattici illegali u illeciti.

Illi dan qed jinghad anke fid-dawl ta’ dak sollevat mill-konvenut illi l-Maltacom plc hija obbligata a bazi tal-provvedimenti tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi tipprovdi ghal servizz sikur ghall-ahjar protezzjoni ta’ l-utenti taghha.

Di piu`, fil-kaz in ezami, it-Tribunal ma jistghax jara kif jista` jinghad jew jigi konkluz illi l-konvenut naqas fir-relazzjoni kontrattwali tieghu mas-socjeta` attrici.

Illi kif jghid l-istess ‘Avviz’ tas-socjeta` attrici, l-ammont minnha pretiz huwa dovut “ in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21331698”. Imma mkien ma rrizulta illi fl-uzu ta’ din il-linja telefonika, l-konvenut kien b’xi mod konxju illi qed isiru t-telefonati mertu tal-kawza. Anzi, l-istess Maltacom plc taccetta illi dawn saru “awtomatikament u ad insaputa ta’ l-utent”.

Illi ghalhekk u bbazat fuq il-konsiderazzjonijiet hawn fuq msemmija, u mehud kont illi t-Tribunal ser jiddeciedi dan il-kaz fuq bazi ta' ekwita`, kif ihoss illi huwa l-aktar giust u ekwu, it-Tribunal ma jistghax ma jakkoljix l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tal-fatti kollha u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad t-talba tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici, u b'ordni tat-Tribunal illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat mir-Registratur Qrati u Tribunal Civili lill-Malta Communications Authority ghall-ahjar attenzjoni taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------